



## KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 22.12.2006  
KUMM(2006) 900 finali

### **KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL**

**MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI komuni għas-26 att li għandhom jiġu adottati  
b'urġenza għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistipula l-  
proċeduri għall-eżerċizzju tal-poteri ta' implimentazzjoni, kif emendata bid-Deċiżjoni  
tal-Kunsill 2006/512/KE tas-17 ta' Lulju 2006**

{COM(2006) 901}  
{COM(2006) 902}  
{COM(2006) 903}  
{COM(2006) 904 }  
{COM(2006) 905 }  
{COM(2006) 906 }  
{COM(2006) 907 }  
{COM(2006) 908}  
{COM(2006) 909}  
{COM(2006) 910 }  
{COM(2006) 911}  
{COM(2006) 912 }  
{COM(2006) 913 }  
{COM(2006) 914 }  
{COM(2006) 915}  
{COM(2006) 916}  
{COM(2006) 917}  
{COM(2006) 918}  
{COM(2006) 919}  
{COM(2006) 920}  
{COM(2006) 921}  
{COM(2006) 922}  
{COM(2006) 923}  
{COM(2006) 924}  
{COM(2006) 925}  
{COM(2006) 926}

## KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

**Memorandum ta' Spjegazzjoni komuni għas-26 att li għandhom jiġu adottati b'urġenza għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistipula l-proċeduri għall-eżerċizzju tal-poteri ta' implimentazzjoni, kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/512/KE tas-17 ta' Lulju 2006**

(Test b'relevanza għall-EEA)

### MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

#### *Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/512/KE u l-proċedura ġdida ta' regolazzjoni bi skrutinju*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistipula l-proċeduri għall-eżerċizzju tal-poteri ta' implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni<sup>1</sup>, ġiet emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/512/KE tas-17 ta' Lulju 2006<sup>2</sup>.

L-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni emendata jintroduċi *proċedura ġdida ta' regolazzjoni bi skrutinju* sabiex tiġi użata għall-miżuri b'ambitu ġenerali li jippruvaw jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' strument bażiku, adottat bil-proċedura tal-kodeċiżjoni, inkluż billi jiġu mħassra xi wħud minn dawk l-elementi jew billi jissupplimentaw l-istrument biż-żieda ta' elementi ġodda mhux essenzjali.

#### *Dikjarazzjoni Konġunta mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni*

F'dikjarazzjoni konġunta<sup>3</sup>, it-tliet istituzzjonijiet qablu fuq lista ta' strumenti bażiċi li għandhom b'mod urġenti jiġu aġġustati għad-Deċiżjoni emendata, sabiex tiġi introdotta l-*proċedura l-ġdida ta' regolazzjoni bi skrutinju*, fejn xieraq. Il-Kummissjoni indikat ukoll li fi żmien qasir għandha tissottometti proposti sabiex tintroduċi l-*proċedura regulatorja bi skrutinju* f'dawn l-istrumenti. Il-Kummissjoni għalhekk eżaminat l-istrumenti bażiċi elenkati sabiex tiddeċiedi meta l-proċedura l-ġdida għandha tapplika. Kull każ ġie eżaminat fuq il-merti tiegħu, partikolarment minħabba n-natura tal-poteri ta' implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni u l-ispeċifiċità ta' kull settur tal-politika.

Fid-dikjarazzjoni konġunta hawn fuq imsemmija, it-tliet istituzzjonijiet irrikonoxxew ukoll li l-prinċipji ta' leġislazzjoni tajba jeħtieġu li l-poteri ta' implimentazzjoni jiġu konferiti fuq il-Kummissjoni mingħajr limitu ta' żmien. Għalhekk, id-dikjarazzjoni konġunta tipprevedi li l-Kummissjoni għandha tiegħu l-opportunità ta' dan l-allinjament ta' prijorità sabiex tirrevoka kwalunkwe dispożizzjonijiet ta' dawn l-istrumenti li jipprovdu limitu ta' żmien fuq id-delegazzjoni tal-poteri ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni.

#### *Lista kompleta ta' l-atti ta' prijorità*

---

<sup>1</sup> ĠU C 203, 17.7.1999, p. 1.

<sup>2</sup> ĠU L 200, 22.7.2006, p. 11.

<sup>3</sup> ĠU C 255, tal-21.10.2006, p. 1.

Fi tliet każi, l-istrumenti elenkati adottati bil-proċedura tal-kodeċiżjoni mhux biss jimmodifikaw atti bażiċi diġà eżistenti iżda wkoll jagħmlu sempliċiment referenza għad-dispożizzjonijiet tal-komitoloġija li għandhom jiġu allinjati f'dawk l-atti. F'dawn il-każi, għalhekk il-Kummissjoni pproponiet li taġġusta dawn ta' l-aħħar. B'mod partikolari:

Sabiex id-Direttiva 2005/1/KE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-9 ta' Marzu 2005 tiġi allinjata, il-Kummissjoni tipproponi li taġġusta:

- Id-Direttiva 91/675/KEE tad-19 ta' Diċembru 1991 li twaqqaf assigurazzjoni Ewropea u kumitat tal-pensjonijiet tax-xogħol
- Id-Direttiva 92/49/KEE tat-18 ta' Ġunju 1992 dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi li għandhom x'jaqsmu ma' assigurazzjoni diretta barra minn assigurazzjoni tal-ħajja u li temenda d-Direttivi 73/239/KEE u 88/357/KEE (it-tielet Direttiva dwar assigurazzjoni mhux tal-ħajja)
- Id-Direttiva 2002/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Novembru 2002 dwar l-assigurazzjoni tal-ħajja
- Id-Direttiva 2005/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2005 dwar ir-riassigurazzjoni u li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 73/239/KEE, 92/49/KEE kif ukoll id-Direttivi 98/78/KE u 2002/83/KE

Sabiex id-Direttiva 2003/41/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' Ġunju 2003 dwar l-attivitàjiet u s-superviżjoni ta' istituzzjonijiet għall-provvista ta' l-irtirar okkupazzjonali tiġi allinjata, il-Kummissjoni tipproponi li taġġusta:

- Id-Direttiva 2002/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill hawn fuq imsemmija.

Sabiex id-Direttiva 2001/107/KE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-21 ta' Jannar 2002 tiġi allinjata, il-Kummissjoni tipproponi li taġġusta:

- Id-Direttiva 85/611/KEE dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi dwar l-impreżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS)

Għal finijiet ta' kompletezza, il-lista ta' strumenti li għandhom bi prijorità jiġu aġġustati hija riprodotta hawn taħt:

- (1) Id-Direttiva 2006/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-14 ta' Ġunju 2006 dwar l-adeġwità tal-kapital ta' ditti ta' investiment u istituzzjonijiet ta' kreditu
- (2) Id-Direttiva 2006/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-14 ta' Ġunju 2006 rigward il-bidu u s-segwiment tan-negozju ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu
- (3) Id-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2006 dwar il-verifiki statutorji tal-kontijiet annwali u tal-kontijiet konsolidati, li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 84/253/KEE
- (4) Ir-Regolament 2006/562/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 li jstabilixxi Kodiċi Komunitarju dwar ir-regoli li jirregolaw iċ-ċaqliq ta' persuni minn naħa għal oħra tal-fruntieri (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen)

- (5) Id-Direttiva 2005/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2005 dwar ir-riassigurazzjoni u li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 73/239/KEE, 92/49/KEE kif ukoll id-Direttivi 98/78/KE u 2002/83/KE
- (6) Id-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2005 dwar il-prevenzjoni ta' l-użu tas-sistema finanzjarja għall-iskop tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu
- (7) Id-Direttiva 2005/32/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2005 li tistabbilixxi qafas għat-twaqqif ta' ħtiġijiet ta' *ecodesign* għall-prodotti li jużaw l-enerġija u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 92/42/KEE u d-Direttivi 96/57/KE u 2000/55/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill
- (8) Ir-Regolament 2005/396/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u li jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE
- (9) Id-Direttiva 2004/109/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2004 dwar l-armonizzazzjoni tar-rekwiżiti ta' trasparenza f'dak li għandu x'jaqsam ma' informazzjoni dwar emittenti li t-titoli tagħhom huma ammessi għall-kummerċ fsuq regolat u li temenda d-Direttiva 2001/34/KE
- (10) Id-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 85/611/KEE u 93/6/KEE u d-Direttiva 2000/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tiegħu post id-Direttiva tal-Kunsill 93/22/KEE
- (11) Id-Direttiva 2003/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-4 ta' Novembru 2003 dwar il-prospektus li għandu jiġi ppubblikat meta titoli jiġu offruti lill-pubbliku jew jiġu ammessi għall-kummerċ u li temenda d-Direttiva 2001/34/KE
- (12) Ir-Regolament 2003/1829/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 dwar ikel u għalf modifikat ġenetikament
- (13) Id-Direttiva 2003/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2003 dwar *insider dealing* u manipulazzjoni tas-suq (abbuż tas-suq)
- (14) Id-Direttiva 2002/96/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Jannar 2003 dwar l-iskart ta' tagħmir elettriku u elettroniku (WEEE)
- (15) Id-Direttiva 2002/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Jannar 2003 dwar ir-restrizzjoni ta' l-użu ta' ċerti sustanzi perikolużi fit-tagħmir elettriku u elettroniku
- (16) Id-Direttiva 2002/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2002 dwar is-supervizzjoni supplimentari ta' istituzzjonijiet ta' kreditu, impriżi ta' l-assigurazzjoni u ditti ta' l-investiment f'konglomerat finanzjarju u li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 73/239/KEE, 79/267/KEE, 92/49/KEE, 92/96/KEE, 93/6/KEE u 93/22/KEE, u d-Direttivi 98/78/KE u 2000/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

- (17) Id-Direttiva 2002/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Novembru 2002 dwar l-assigurazzjoni tal-ħajja
- (18) Ir-Regolament 2002/1606/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Lulju 2002 rigward l-applikazzjoni ta' standards internazzjonali tal-kontabilità
- (19) Id-Direttiva 2001/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem
- (20) Id-Direttiva 2001/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Marzu 2001 dwar ir-rilaxx intenzjonat fl-ambjent ta' organiżmi modifikati ġenetikament u li tirrevoka d-Direttiva tal-Kunsill 90/220/KEE
- (21) Id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għall-azzjoni tal-Komunità fil-qasam tal-politika dwar l-ilma
- (22) Id-Direttiva 2000/53/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-18 ta' Settembru 2000 dwar vetturi li m'għadhomx jintużaw
- (23) Id-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 1998 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti bijoċidali
- (24) Id-Direttiva 92/49/KEE tat-18 ta' Ġunju 1992 dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi li għandhom x'jaqsmu ma' assicurazzjoni diretta barra minn assicurazzjoni tal-ħajja u li temenda d-Direttivi 73/239/KEE u 88/357/KEE (it-tielet Direttiva dwar assicurazzjoni mhux tal-ħajja)
- (25) Id-Direttiva 01/675/KEE tad-19 ta' Diċembru 1991 li tistabbilixxi kumitat ta' assicurazzjoni
- (26) Id-Direttiva 85/611/KEE ta' l-20 ta' Diċembru 1985 dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi rigward impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS)